

Il-vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet



WERREJ

Introduzzjoni 1

Il-vjolenza ċibernetika bħala forma ta' vjolenza abbażi ta' sess 1	
X'inhi l-vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet?	1
Id-definizzjoni ta' forom ta' vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet	2

Disponibbiltà tad-*data* u r-riċerka 3

Rispons tal-infurzar tal-liġi 4

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 5

Noti tal-aħħar 6

Introduzzjoni

Il-fatt li l-internet qed jilħaq dejjem iktar nies, il-firxa mgħaġġla ta' informazzjoni fuq il-mowbajls, u l-użu mifrux tal-midja soċjali, flimkien mal-pandemija eżistenti tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet (VAWG, violence against women and girls) (1), wasslet għall-feġġa tal-VAWG ċibernetika bħala problema globali li qed tikber b'konsegwenzi ekonomiċi u soċjetali potenzjalment sinifikanti (2).

Ir-riċerka turi (3) li waħda minn kull tliet nisa jkunu esperjenzaw forma ta' vjolenza f'ħajjithom, u minkejja l-fenomeni relattivament għdid u li qed jikber tal-konnettività tal-internet, huwa stmat li waħda minn kull għaxar nisa jkunu diġà esperjenzaw forma ta' vjolenza ċibernetika sa mill-età ta' 15 (4). L-aċċess għall-internet qed isir neċessità dejjem iktar bħala dritt fundamentali tal-bniedem (5); għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li dan l-ispazju pubbliku diġitali jkun post sigur għal kulħadd u li jagħti s-setgħa lil kulħadd, inkluż għan-nisa u għall-bniet.

Sabiex jifhem aħjar in-natura u l-prevalenza tal-VAWG ċibernetika, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) riċentement għamel riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni li l-għan tagħha kien li tidentifika u tanalizza r-riċerka eżistenti dwar il-forom differenti ta' VAWG ċibernetika u li tivvaluta d-disponibbiltà tal-istħarriġ u d-data amministrattiva dwar il-fenomeni. Is-sejbiet ta' din ir-riċerka u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minnha jiffurmaw il-bażi ta' dan l-istudju.

Il-vjolenza ċibernetika bħala forma ta' vjolenza abbażi ta' sess

X'inhil-vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet?

Sal-lum, il-VAWG ċibernetika għadha ma ġietx kuncettwalizzata jew leġiżlata b'mod sħiħ fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE). Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda stħarriġ madwar l-UE diżaggregat skont is-sess dwar il-prevalenza u l-ħsara tal-VAWG ċibernetika u hemm riċerka fuq livell nazzjonali limitata fl-Istati Membri tal-UE. Madankollu, ir-riċerka li hemm disponibbli tissuġġerixxi li n-nisa, b'mod mhux proporzjonat, huma l-miri ta' ċerti forom ta' vjolenza ċibernetika meta mqabbla mal-irġiel. Pereżempju, fi stħarriġ ta' aktar minn 9 000 utent tal-Internet Ġermaniż li kellhom bejn l-10 snin u l-50 sena, in-nisa, b'mod sinifikanti, kellhom aktar probabbiltà mill-irġiel li jkunu vittmi ta' fastidju sesswali online u ta' cyberstalking, u l-impatti fuq dawn il-forom ta' vjolenza kienu aktar trawmatiki għall-vittmi (7).

Din is-sejba hija kkorroborata minn stħarriġ tal-2014 mill-Pew Research Center fl-Istati Uniti (8), li sab li għalkemm l-irġiel għandhom ftit aktar probabbiltà min-nisa li jesperjenzaw forom relattivament "ħfief" ta' fastidju online (bħal tgħajjir u imbarazzament), in-nisa (b'mod partikolari nisa żgħażaġħ ta' bejn 18-24 sena) b'mod mhux proporzjonat jesperjenzaw tipi severi ta' fastidju ċibernetiku, prinċipalment cyberstalking u fastidju sesswali online.

Ir-riżultati ta' dawn l-istudji huma riflessi minn aktar riċerka, li tesponi l-limitazzjonijiet meta jittieħed approċċ fejn ma ssirx distinzjoni bejn is-sessi għall-vjolenza ċibernetika; l-evidenza attwali tissuġġerixxi li l-forom ta' vjolenza u l-ħsara li tirriżulta minnhom jiġu esperjenzati b'mod differenti min-nisa u mill-irġiel (9).

Barra minn hekk, l-esperti wissew kontra VAWG ċibernetika kuncettwalizzata bħala fenomenu kompletament separat mill-vjolenza "reali", meta fil-fatt din b'mod xieraq tidher aktar bħala sekwenza ta' vjolenza offline. Pereżempju, cyberstalking minn sieħeb jew eks-sieħeb issegwi l-istess tendenzi bħal insewiment malizzjuż offline u għalhekk hija vjolenza minn

sieħeb intimu ⁽¹⁰⁾, sempliċità iffaċilitata mit-teknoloġija ⁽¹¹⁾. L-evidenza tikkonferma din is-sekwenza: studju tar-Renju Unit ta' cyberstalking sab li aktar minn nofs (54 %) tal-każijiet involvew l-ewwel laqgħa f'sitwazzjoni reali ⁽¹²⁾.

Barra minn hekk, *data* mill-istudju tal-FRA tal-2014 turi li 77 % tan-nisa li esperjenzaw fastidju ċibernetiku esperjenzaw ⁽¹³⁾ ukoll tal-inqas forma waħda ta' vjolenza sesswali jew/u fiżika minn sieħeb intimu; u 7 minn kull 10 nisa (70 %) li esperjenzaw cyberstalking ⁽¹⁴⁾, esperjenzaw ukoll tal-inqas forma waħda ta' vjolenza fiżika jew/u sesswali minn sieħeb intimu ⁽¹⁵⁾.

Id-definizzjoni ta' forom ta' vjolenza ċibernetika fuq in-nisa u l-bniet

Hemm diversi forom ta' VAWG ċibernetika, inkluż, iżda mhux limitati għal, cyberstalking, pornografija mhux konsenswali (jew "pornografija ta' tpattija"), rimarki u fastidju bbażati fuq is-sess, "tgħajir lil nisa li jmorru kontra l-istenniji tradizzjonali", pornografija mhux mitluba, "sfruttament sesswali ta' forom mhux fiżiċi", stupru u theddid ta' mewt, "ix-xandir ta' informazzjoni privata fuq l-Internet", u traffikar permezz tal-elettroniċi ⁽¹⁶⁾.

F'dan id-dokument, il-fokus primarju tal-EIGE se jkun fuq dawk il-forom ta' VAWG ċibernetika li l-aktar huma marbuta ma' vjolenza minn sieħeb intimu (IPV, intimate partner violence), minħabba l-għarfien eżistenti tagħna tal-impatt sever tal-IPV fuq il-vittmi; dawn jinkludu: cyberstalking, sfruttament ċibernetiku u pornografija mhux konsenswali.

Bħall-IPV esperjenzata offline, il-Vjolenza Fuq in-Nisa (VAW, Violence Against Women) ċibernetika tista' tidher bħala diversi forom ta' vjolenza, inkluż sesswali, psikoloġika u, kif jindikaw tendenzi li qed jikbru, ekonomika, fejn l-istatus tal-impjeg attwali jew futur tal-vittma jiġi kompromess minn informazzjoni li toħroġ online. Il-potenzjal li l-vjolenza tidher fiżikament fl-isfera ċibernetika lanqas ma għandu jiġi injorat. Madankollu hi meħtieġa aktar riċerka dwar l-esperjenzi ta' vittmi ta' VAWG ċibernetika sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-impatt tagħha.

M'hemm l-ebda definizzjoni li ntlaħaq qbil fuqha ta' dawn il-forom ta' VAWG ċibernetika f'livell tal-UE; għalhekk l-is-pjegazzjonijiet li ġejjin huma bbażati fuq revizzjoni tal-letteratura.

Cyberstalking

Cyberstalking huwa inseguwiment malizzjuż permezz ta' emails, messaġġi bil-mowbajl (jew online) jew l-internet. L-inseguwiment malizzjuż jinvolvi inċidenti repetuti, li jstgħu jew mhux bilfors ikunu individwalment atti innokwi, iżda flimkien jimminaw is-sens ta' sigurtà tal-vittma u jikkawżaw sitwazzjoni inkwetanti, biża' jew allarm.

L-atti jstgħu jinkludu:

- Meta wieħed jibgħat ittri elettroniċi, messaġġi bil-mowbajl (SMS) jew messaġġi fil-pront li jkun offensivi jew ta' theddida;
- Meta wieħed jippostja kummenti offensivi dwar ir-risponent fuq l-internet;
- Meta wieħed ixerred ritratti jew vidjows tar-risponent, fuq l-internet jew bil-mowbajl.

Sabiex jiġu kkunsidrati bħala cyberstalking, dawn l-atti għandhom isiru b'mod repetittiv u jitwettqu mill-istess persuna.

Fastidju Ċibernetiku

Il-fastidju ċibernetiku jista' jjeħu bosta forom, iżda għall-finijiet ta' dan id-dokument, dan jista' jinkludi:

- Ittri elettroniċi, messaġġi bil-mowbajl (jew online) sesswalment espliċiti, mhux mixtieqa;
- Avvanzi mhux xierqa jew offensivi fuq siti web ta' networking soċjali jew f'chat rooms fuq l-internet;
- Theddid ta' vjolenza fiżika u/jew sesswali permezz ta' ittri elettroniċi, messaġġi bil-mowbajl (jew online);
- Diskors ta' mibegħda, jiġifieri lingwaġġ li jiddenigra, jin-sulta, jhedded jew jimmira individwu abbażi tal-identità tagħha (sess) u karatteristiċi oħra (bħall-orjentazzjoni sesswali jew diżabbiltà).

Pornografija mhux konsenswali

Magħrufa wkoll bħala sfruttament ċibernetiku jew “pornografija ta’ tpattija”, il-pornografija mhux konsenswali tinvolvi d-distribuzzjoni online ta’ ritratti jew vidjows grafiċi sesswalment mingħajr il-kunsens tal-individwu fir-ritratti. Ħafna drabi l-awtur ikun eks-sieħeb li jikseb ir-ritratti jew il-vidjows matul ir-relazzjoni preċedenti, u li jkollu l-għan li jjiegħel lill-vittma tistħi u jumiljaha pubblikament, talli tkun waqfiet relazzjoni. Madankollu, l-awturi mhumiex neċessarjament sħab jew eks sħab u l-motiv mhux dejjem ikun tpattija. Ir-ritratti jistgħu jinkisbu wkoll permezz ta’ hacking fil-kompjuter, fil-kontijiet tal-midja soċjali jew fil-mowbajl tal-vittma, u jistgħu jkollhom l-għan li joħolqu ħsara kbira fil-ħajja “reali” tal-mira (bħal li tikkawżahom jitkeċċew mill-impjeg tagħhom).

Fi snin riċenti, kien hemm każijiet multipli ppubbliċizzati ta’ vittmi nisa ta’ pornografija mhux konsenswali fl-Istati Membri tal-UE u l-Istati Uniti, li rizeultat ta’ dan, ħafna minnhom ikkommettew suwiċidju (17). Ir-riċerka tissuġġerixxi li sa 90 % tal-vittmi tal-pornografija ta’ tpattija huma nisa (18) u li n-numru tal-każijiet qed jiżdied (19). Hemm ukoll numru li qed jikber ta’ siti web iddedikati biex wieħed ixxerred pornografija ta’ tpattija, fejn l-utenti jistgħu jtellgħu stampi flimkien ma’ informazzjoni personali, bħall-indirizz, l-impjegatur tal-vittma u links għal profili online (20).

Tendenza relatata addizzjonali b’impatti li daqstant ieħor huma devastanti fuq il-vittmi hija x-xandir dirett ta’ inċidenti ta’ attakki sesswali u stupru permezz tal-midja soċjali. S’issa, fl-2017, diġà kien hemm żewġ każijiet ta’ profil għoli: wieħed fl-Iżvezja u l-ieħor fl-Istati Uniti, ta’ vittmi li l-istupru tagħhom kien qed jixxandar online dak il-ħin bl-użu tal-funzjoni “Facebook live” (21).

Disponibbiltà tad-*data* u r-riċerka

Data dwar VAWG ċibernetika fl-UE hija skarsa u konsegwentement ftit huwa magħruf dwar il-perċentwal attwali ta’ vittmi ta’ VAWG ċibernetika u l-prevalenza tal-ħsara. L-aħjar informazzjoni disponibbli fil-livell tal-UE ġejja mill-Istħarriġ Ewropew dwar il-VAW (2014) tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), li inkluda mistoqsijiet dwar cyberstalking (22) u fastidju ċibernetiku (23). Madankollu, peress li dan l-istħarriġ kien l-ewwel wieħed li ġabar *data* dwar dawn il-forom ta’ VAWG ċibernetika madwar l-UE, m’hemmx mezz li permezz tiegħu tista’ tiġi ttraċċata l-evoluzzjoni tal-fenomeni u t-tendenzi fin-numri tal-vittmi maż-żmien.

Minbarra stħarriġ wieħed (Daniż tal-2008), ma kienx possibbli li jiġi identifikat xi stħarriġ rappreżentattiv nazzjonali fil-livell ta’ Stat Membru dwar il-prevalenza ta’ VAWG ċibernetika (24).

Minħabba li f’ħafna mill-Istati Membri, il-forom ta’ VAWG ċibernetika mhumiex kriminalizzati, *data* tal-pulizija jew tal-ġustizzja dwar dan il-fenomeni hija skarsa. Fi Stati Membri fejn il-forom ta’ VAWG ċibernetika hija kriminalizzata, id-*data* miġbura għandha diżaggregazzjoni skont is-sess nieqsa tal-vittma u l-attur, u r-relazzjoni ta’ bejniethom, li tillimita l-utilità tad-*data* (25). Dan in-nuqqas ta’ *data* jfikkell l-abbiltà li ssir analiżi skont is-sess ta’ vjolenza ċibernetika u li jsir tqabbil ta’ VAWG online u offline.

Barra mill-indirizzar tan-nuqqasijiet imsemmijin hawn fuq, hi meħtieġa aktar riċerka fl-oqsma li ġejjin:

1. L-użu ta’ riklami jew postings online li jattiraw lin-nisa f’sitwazzjonijiet li potenzjalment jistgħu jkunu ta’ ħsara (“reklutaġġ”).
2. Il-valutazzjoni tas-severità tal-ħsara esperjenzata minn vittmi ta’ forom ta’ VAWG ċibernetika, u l-impatt fuq il-ħajjiet tagħhom.
3. Prattiki tajbin fir-rispons tal-pulizija u tal-ġustizzja għal VAWG ċibernetika, inkluż mill-perspettiva ta’ vittma.
4. L-identifikazzjoni u l-analiżi ta’ fatturi ta’ riskju u proċeduri ta’ valutazzjoni tar-riskju, sabiex ikun hemm prevenzjoni tal-ħsara u tar-rivittimizzazzjoni.

Rispons tal-infurzar tal-liġi

Riċentement, diversi Stati Membri adottaw leġiżlazzjoni li timmira lejn forum ta'VAWG ċibernetika; pereżempju, fir-Renju Unit, fi Franza, fil-Ġermanja u f'Malta għadew dispożizzjonijiet li jikkriminalizzaw pornografija ta' tpattija, b'politiki li bħalissa huma pendenti fl-Irlandi u fis-Slovenja. Waqt li dan hu pass fid-direzzjoni t-tajba, l-istudji jissuġġerixxu li approċċi legali u ta' politika attwali fl-UE ma jirnexxihomx jaqdbu b'mod adegwat il-ħsara soċjali u psikoloġika li tirriżulta mill-użu ta' xbihat sesswali biex jiffastidjaw, jikkostrettu jew jirrikattaw lin-nisa ⁽²⁶⁾.

Barra minn hekk, ir-riċerka tikxef li r-rispons għas-settur tal-ġustizzja kriminali lejn nisa vittmi ta'VAWG ċibernetika huwa inadegwat. Pereżempju, mill-1 160 inċident ta' pornografija ta' tpattija rrapportati matul l-ewwel sitt xhur wara l-kriminalizzazzjoni tagħha fir-Renju Unit, 61 % irriżultaw li ma saret l-ebda azzjoni ulterjuri kontra l-attur allegat ⁽²⁷⁾.

Fl-2013 il-Koalizzjoni Ntemmu l-Vjolenza fuq in-Nisa (EVAW, End Violence against Women) gābret rakkonti f'diskussjoni dwar l-infurzar u l-prosekuzzjoni ta' "vjolenza u fastidju" online, li rrapportaw tħassib li l-awtoritajiet tal-ġustizzja kriminali ħadu approċċ differenti, u inqas effettiv, lejn il-vjolenza u l-fastidju li sar online meta mqabbel ma' dak offline. Diversi parteċipanti nfushom kienu esperjenzaw "rispons mill-pulizija totalment inadegwat" meta rrapportaw kriminalità li saret online ⁽²⁸⁾.

L-istudji jenfasizzaw dan it-tħassib, li juru l-frustrazzjoni tan-nisa ma' pulizija li għandhom tendenza jitrattaw kull komunikazzjoni online individwali bħala att diskret, aktar milli jikkunsidraw l-impatt kumulattiv ta' abbuż ⁽²⁹⁾. Dan jirrifletti tħassib usa' dwar ir-rispons tas-sistema tal-ġustizzja kriminali għall-VAWG inġenerali (u partikolarment l-IPV). Barra minn hekk, jibqgħu jippersistu attitudnijiet li jifgħu l-ħtija fuq il-vittma, speċjalment f'każijiet ta' pornografija ta' tpattija, li juru nuqqas ta' fehim u sensibilizzazzjoni. Dan flimkien mal-fatt li (skont stħarriġ tal-2014 fl-Istati Uniti) aktar minn nofs il-vittmi ta' inseguwiment malizzjuż u ta' cyberstalking ma rrikonoxxewx l-esperjenza tagħhom stess bħala kriminalità ⁽³⁰⁾.

Parti minn dan ir-rispons inadegwat tal-ġustizzja kriminali tista' tiġi attribwita għad-dikotomija falza bejn VAWG online u offline, li tirriżulta fil-fatt li l-pulizija li jnaqqsu l-merti tal-ħsara ta' VAWG ċibernetika u jimminizzawhom, u jibnu l-esperjenzi tal-vittmi bħala "inċidenti" aktar milli tendenzi ta' mgjiba maż-żmien.

Dawn is-sejbiet jikxfu l-ħtieġa li jitfasslu politiki ta' intervent effettivi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll ta' Stat Membru, inkluż

iżda mhux limitati: għat-taħriġ tal-persunal settorjali tal-pulizija u tal-ġustizzja dwar VAWG ċibernetika u kampanji ta' sensibilizzazzjoni.

Prattiki tajbin

Leġiżlazzjoni

Fir-Renju Unit, f'April 2015, l-att li wieħed ixerred ritratti jew vidjows sesswali privati mingħajr il-kunsens tal-individwu l-ieħor, jekk l-intenzjoni tkun li tiġi kkawżata sitwazzjoni inkwetanti lil dawk fil-mira, sar reat kriminali bi priġunerija massima ta' sentejn ⁽³¹⁾. F'Settembru 2016 tħabbar li aktar minn 200 persuna kienu tħarrku sa minn meta l-liġi daħlet fis-seħħ ⁽³²⁾.

Sadanittant fl-2016, Franza adottat il-"Liġi Repubblika Diġitali", li tinkludi sanzjonar aktar ħarex ta' dawk li jinstabu ħatja ta' pornografija ta' tpattija. Taħt il-leġiżlazzjoni l-ġdida, l-atturi jaffaċċjaw sentenza ta' sentejn il-ħabs jew multa ta' € 60 000 ⁽³³⁾.

Qorti Ġermaniża għaddiet dispożizzjonijiet simili, li fl-2014 għamlitha illegali li persuna taħżen ritratti intimi ta' sieħeb/sieħba preċedenti wara li dan/din tkun talbet li jitħassru ⁽³⁴⁾.

Riċerka u interventi

Fl-2009, ir-Renju Unit nieda ċ-Ċentru Nazzjonali għal Riċerka dwar is-Cyberstalking (NCCR, The National Centre for Cyber-stalking Research) ⁽³⁵⁾ li għandu l-għan li jipprovdi riċerka u analiżi dwar il-prevalenza, il-motivazzjonijiet, l-impatti u valutazzjoni tar-riskju ta'VAWG ċibernetika. Fl-2011, iċ-ċentru ppubblika r-riżultati ta' studju dwar il-prevalenza, in-natura u l-impatt tas-cyberstalking ⁽³⁶⁾ u bħalissa qiegħed jagħmel stħarriġ li jinvestiga l-impatt u l-prevalenza tal-pornografija ta' tpattija. Sussegwentement, fl-2015, ġiet stabbilita linja għall-għajnuna għall-vittmi tal-pornografija ta' tpattija, li rċiviet madwar 2 000 telefonata fl-ewwel sitt xhur tagħha ⁽³⁷⁾.

Minn Lulju 2017, is-Slovenja ser tnedi l-proġett "CYBERVAW", li għandu l-għan li jiżviluppa attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u edukattivi li jxerrdu messaġġ ċar ta' tolleranza żero lejn VAWG, b'fokus speċifiku fuq il-prevenzjoni ta' vjolenza u fastidju ċibernetiċi bbażati fuq is-sess bħala forum ta'VAWG ⁽³⁸⁾.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Fil-qosor, minħabba n-nuqqas attwali ta' riċerka u *data* fil-livell tal-UE, ma nistgħux nikkwantifikaw b'mod adegwat, il-prevalenza jew l-impatt ta' VAWG ċibernetika fl-UE. Madankollu, l-evidenza li qed tiżdied tissuġġerixxi li dan huwa fenomenu li qed jikber li qed jaffettwa lin-nisa u lill-bniet b'mod mhux proporzjonat, b'impatti severi fuq il-ħajjiet "reali" tal-vittmi. Sabiex jiġu ddeterminati aħjar il-prevalenza u l-fatturi ta' riskju ta', u rispons ta' politika effettiv għal, VAWG ċibernetika, l-iżvilupp tal-għodod ta' kejl u tal-kwantifikazzjoni ta' dawn it-tipi ta' atti għandu jkun prijorità.

Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma konformi mal-qafas legali tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni ta' Istanbul, u huma bbażati fuq riċensjoni ta' letteratura u evidenza eżistenti. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn għandhom l-għan li jappoġġjaw lill-Istati Membri tal-UE sabiex itejbu r-rispons istituzzjonali għal VAWG ċibernetika, sabiex jiproteġu lin-nisa kemm online kif ukoll offline.

1. Ir-rispons tal-politika għandu jiġi fformulat f'rikon-oxximent tal-fatt li l-VAWG ċibernetika hija forma ta' VAW. L-istrateġiji għall-indirizzar tal-VAWG ċibernetika għandhom jinkludu wkoll il-vuċijiet ta' nisa li huma vittmi tal-fenomenu.
2. Fil-futur immedjat, id-definizzjonijiet ta' ċiberkriminalità fuq is-sit web tal-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni għandhom jiġu aġġornati biex jinkludu forum ta' VAWG ċibernetika, jew tal-inqas, għandhom jinkludu l-miżoġenija fit-tielet parti tad-definizzjoni tagħha ⁽³⁹⁾.
3. L-UE għandha timmira lejha qbil dwar id-definizzjonijiet ta' forum ta' VAWG ċibernetika u għandha tinkorpora dawn il-forom ta' vjolenza fil-leġiżlazzjoni tal-UE, sabiex tiżgura li l-vittmi tal-VAWG ċibernetika fl-Istati Membri jkollhom aċċess għall-ġustizzja u għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati.
4. Prijorità għandha tkun li titjeb *data* diżaggregata skont is-sess fil-livell tal-UE dwar il-prevalenza u l-ħsara ta' VAWG ċibernetika, u li jiġu żviluppati indikaturi sabiex titkejjel l-effettività tal-interventi.
5. Kwalunkwe approċċ li jindirizza l-fenomenu m'għandux iċaħħad lin-nisa u lill-bniet minn posthom fl-isparju

pubbliku usa' li jiksbu mill-konnessjoni tal-internet. L-Istħarriġ madwar l-UE li jmiss dwar vjolenza sessista (GBV, Gender-Based Violence) għandu jinkludi mistoqsija dwar jekk in-nisa evitawx spazji online minħabba biża' li jesperjenzaw VAWG ċibernetika.

6. Hemm ħtieġa għal riċerka kwantitattiva u kwalitattiva li teżamina r-rispons tas-sistema, abbażi ta' perspettiva tal-vittmi.
7. It-taħriġ dwar VAWG ċibernetika b'perspettiva tas-sess għandu jiġi introdott fir-rispons tal-pulizija għaċ-ċiberkriminalità.
8. Hemm ħtieġa għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jeducaw lin-nisa u lill-bniet dwar il-VAWG ċibernetika, id-drittijiet legali tagħhom u servizzi ta' appoġġ disponibbli.
9. Għandhom jiġu żviluppati miżuri ta' prevenzjoni li jinkludu s-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) inkluż l-adozzjoni ta' standards awtoregulatorji sabiex jiġi evitat stereotipar tas-sessi li jagħmel il-ħsara u t-tixrid ta' ritratti degradanti tan-nisa, jew xbihat li jassoċjaw is-sess mal-vjolenza.
10. Huwa importanti għal istituzzjonijiet u għal aġenziji fil-livell tal-UE li jiġġieldu ċ-ċiberkriminalità li jindirizzaw forum ta' ċiberkriminalità skont is-sess; partikolarment l-attrazzjoni online jew ir-"reklutaġġ" ta' nisa u bniet f'sitwazzjonijiet ta' periklu bħat-traffikar.

Noti tal-aħħar

- (1) Il-“Vjolenza fuq in-nisa” hija definita mill-Kunsill tal-Ewropa bħala “ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta’ diskriminazzjoni kontra n-nisa u għandha tisser l-atti kollha ta’ vjolenza abbażi ta’ sess li jirriżultaw fi, jew li aktarx jirriżultaw fi, ħsara fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika jew sofferenza għan-nisa, inkluż theddid ta’ tali atti, koerċizzjoni jew deprivazzjoni arbitrarja tal-libertà, sew jekk iseħħu fil-pubbliku jew fil-ħajja privata” (<https://rm.coe.int/168008482e>)
- (2) Kummissjoni Broadband tan-NU għall-Iżvilupp Diġitali (2015). *Cyber Violence Against Women and Girls: A World-Wide Wake-Up Call*. Disponibbli fuq: http://www.unwomen.org/-/media/headquarters/attachments/sections/library/publications/2015/cyber_violence_gender%20report.pdf?vs=4259
- (3) Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Dipartiment tas-Saħħa Riproduttiva u tar-Riċerka, Skola ta’ Londra għall-Iġjene u l-Mediċina Tropika, Kunsill tal-Afrika t’Isfel tar-Riċerka Medika (2013). *Global and regional estimates of violence against women: prevalence and health effects of intimate partner violence and non-partner sexual violence*, p. 2. Disponibbli fuq: <http://www.who.int/reproductivehealth/publications/violence/9789241564625/en/>.
- (4) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (2014). *Violence against women: an EU-wide survey — Main results*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, p. 104 Disponibbli fuq: <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/violence-against-women-eu-wide-survey-main-results-report>
- (5) L-Għan 9.C tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli jimmira li jipprovdi aċċess universali u affordabbli għall-Internet, f’rikonoxximent tal-potenzjal tal-iżvilupp tiegħu (Ara: <https://sustainabledevelopment.un.org/sdg9> u <https://www.one.org/us/2015/09/26/the-connectivity-declaration-demanding-internet-access-for-all-and-implementation-of-the-global-goals/>).
- (6) Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (2016). Riżoluzzjoni mhux vinkolanti. L-Artikolu 32: *The promotion, protection and enjoyment of human rights on the Internet*. Disponibbli fuq: https://www.article19.org/data/files/Internet_Statement_Adopted.pdf.
- (7) Staude-Müller, F., Hansen, B., Voss, M. (2012) How stressful is online victimization? Effects of victim’s personality and properties of the incident. *European Journal of Developmental Psychology*, 9(2). Disponibbli fuq: <http://www.tandfonline.com/doi/abs/10.1080/17405629.2011.643170>
- (8) Pew Research Center (2014). *Online Harassment*. Disponibbli fuq: <http://www.pewinternet.org/2014/10/22/online-harassment/>.
- (9) Maple, C., Shart, E., Brown, A. (2011). *Cyberstalking in the United Kingdom: An Analysis of the ECHO Pilot Survey*. L-Università ta’ Bedfordshire. Disponibbli fuq: <http://www.tandfonline.com/doi/abs/10.1080/17405629.2011.643170>.
- (10) “Vjolenza minn Sieħeb Intimu” hija definita bħala: Tendenza ta’ mgħiba ta’ attakk u ġegħil, inkluż atti fiżiċi, sesswali u psikoloġiċi, kif ukoll koerċizzjoni ekonomika, li l-adulti jew l-adolexxenti jistgħu jużaw fuq is-sħab intimi tagħhom mingħajr il-kunsens tagħhom. L-emozzjonijiet li jirriżultaw ta’ mistħija, biża’ u t-telf totali tal-kontroll iwasslu għal livelli baxxi ta’ rappurtar u, sussegwentement, relattivament ftit kundanni. L-akbar piż ta’ vjolenza minn sieħeb intimu ssir minn irġiel fuq is-sħab nisa tagħhom <http://eige.europa.eu/rdc/thesaurus/terms/1265>.
- (11) Burney, E. (2009). *Making People Behave: Anti-Social Behaviour. Politics and Policy*. Routledge.
U: Chakraborti, N. and Garland, J. (2009). *Hate Crime: Impact, Causes and Responses*. It-2 Ed. Londra: Sage Publications Ltd.
- (12) Skont numru kbir ta’ investigazzjonijiet, fosthom Pathé u Mullen (1997) jenfasizzaw, li n-nisa jesperjenzaw cyberstalking b’mod aktar trawmatiku mill-irġiel. (Pathé, M. and Mullen, P.E. (1997). The impact of stalkers on their victims. [Astratt]. *British Journal of Psychiatry Jan 1997, 170(1)* 12-17. Disponibbli fuq: <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pubmed/9068768#>).
- (13) 11 % tan-nisa jirċievu ittri elettroniċi jew messaggji SMS espliċiti li huma sesswalment offensivi u mhux mixtieqa, jew avvanzi offensivi u mhux xierqa fuq siti tan-networking soċjali (FRA (2014). *Violence against women: an EU-wide survey*. Rapport tar-riżultati ewlenin, 29, 95. Disponibbli fuq: <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/violence-against-women-eu-wide-survey-main-results-report>).
- (14) 5 % tan-nisa fl-UE esperjenzaw forma waħda jew aktar ta’ cyberstalking sa mill-età ta’ 15-il sena (FRA, 2014: 87). F’dan il-każ, cyberstalking inkluda stalking permezz ta’ email, messaggġ bil-mowbajl jew fuq l-internet.
- (15) Analiżi statistika mill-EIGE. 1044 mara sofwrew forma waħda jew aktar mit-tliet forom ta’ cyberstalking, u minn dawk in-nisa, 727 esperjenzaw tal-inqas forma waħda jew aktar ta’ vjolenza fiżika u/jew sesswali minn sieħeb intimu. Bħala parti minn fastidju ċibernetiku, minn 677 mara li ddikjaraw li kienu sofwrew tal-inqas waħda mit-tliet forom identifikati bħala fastidju ċibernetiku, 518 (77 %)

esperjenzaw ukoll tal-inqas forma waħda ta' vjolenza fiżika u/jew sesswali minn sieħeb intimu.

- (16) M'hemm l-ebda definizzjoni li ntlaħaq qbil dwarha fil-livell tal-UE. Spjegazzjoni ta' kull forma ta' VAWG ċibernetika tista' tinstab hawnhekk: <http://wmcspeechproject.com/online-abuse-101/>.
- (17) Pereżempju:
- Mara Taljana, Tiziana Cantone, għamlet suwiċidju fl-2016 wara pornografija ta' tpattija. Hija qabel kienet tkeċċiet mill-impjeg tagħha: <http://www.bbc.com/news/world-europe-37377286>;
 - Amanda Todd ta' 15-il sena mill-Kanada għamlet suwiċidju fl-2012 wara li raġel iċċirkola ritratti tagħha online mingħajr il-kunsens tagħha: <http://www.bbc.co.uk/newsbeat/article/19960162/amanda-todd-memorial-for-teenage-cyberbullying-victim>;
 - Julia Rebecca ta' 17-il sena minn Piaui, il-Brażil qatlet ruħha b'idejha fl-2013 wara li filmat sesswalment grafiku tagħha u ta' sieħeb għe ppowstjat online mingħajr il-kunsens tagħha: <https://www.bustle.com/articles/9485-revenge-porn-legislation-called-for-in-brazil-following-17-year-olds-suicide>.
- (18) Skont s'tħarriġ fl-2015 mill-Inizjattiva għad-Drittijiet Ċibernetiċi Ċivili: <https://www.cybercivilrights.org/wp-content/uploads/2014/12/RPStatistics.pdf> (NB: dan l-istħarriġ uża kampjun ta' konvenjenza ta' 1 606 risponent).
- (19) Ara: <https://www.theguardian.com/technology/2015/jul/15/revenge-porn-cases-increase-police-figures-reveal>.
- (20) Meta jingħalaq domain wieħed, mhijiex xi ħaġa mhux komuni li wieħed isib numru ta' duplikati. L-aktar eżempju prolificu ta' pornografija ta' tpattija online, "Is Anyone Up.com," f'punt ta' żmien partikolari daħlu fih 350 000 darba u ispira sekwenza ta' siti "spin-off" u b'ismijiet simili wara t-tneħħija tiegħu mill-web fl-2012: <https://www.theguardian.com/culture/us-news-blog/2012/dec/06/hunter-moore-isanyoneup-revenge-porn-website>.
- (21) <http://www.bbc.com/news/world-europe-38717186> u <http://www.independent.co.uk/news/world/americas/chicago-teenager-gang-rape-facebook-live-video-dozens-watched-a7642866.html>.
- (22) Cyberstalking: insegwiment malizzjuż permezz ta' ittri elettroniċi, messaġġi bil-mowbajl jew l-internet — jaf-fettwa b'mod partikolari lin-nisa żgħażaġh. 4 % tan-nisa kollha ta' bejn it-18 u d-29 sena, jew 1.5 miljun, fl-EU-28 esperjenzaw cyberstalking fit-12-il xahar qabel l-intervista, meta mqabbla ma' 0.3 % tan-nisa li għandhom 60 sena jew aktar. (FRA (2014). *Violence against women: an EU-wide survey*. Rapport tar-riżultati ewlenin. Disponibbli fuq: <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/violence-against-women-eu-wide-survey-main-results-report>).
- (23) Fastidju sesswali: forom mhux verbali inkluż fastidju ċibernetiku, 11 % tan-nisa rċivew ittri elettroniċi jew messaġġi SMS mhux mixtieqa, offensivi u sesswalment espliċiti, jew avvanzi offensivi u mhux xierqa fuq siti tan-networking soċjali (li jirreferu għal esperjenzi sa mill-età ta' 15-il sena). (FRA (2014). *Violence against women: an EU-wide survey*. Rapport tar-riżultati ewlenin. Disponibbli fuq: <http://fra.europa.eu/en/publication/2014/violence-against-women-eu-widesurvey-main-results-report>).
- (24) K. Helweg-Larsen, N. Schütt, and H.B. Larsen (2012). Predictors and protective factors for adolescent Internet victimization: results from a 2008 nationwide Danish youth survey. *Acta Paediatrica*, 101(5), 533-539.
- (25) Pereżempju, l-Ingilterra u Wales, li kkriminalizzaw il-pornografija ta' tpattija fl-2014. Il-BBC analizza t-talbiet tal-libertà tal-informazzjoni minn 31 forza tal-pulizija fl-Ingilterra u f'Wales bejn April u Diċembru 2015, għalkemm notevolment is-sess tal-vittima u r-relazzjoni mal-awtur mhumiex imniżżla fil-maġġoranza tal-każijiet, u din il-ħaġa tillimita l-utilità tad-*data*: <https://docs.google.com/spreadsheets/d/1T6bqWcss4JKu7L9LV11VLy-z8FeYPUP-42ZW-SNe3Gmw/edit#gid=2041719221>.
- (26) Henry, N. and Powell, A. (2015). Beyond the 'sext': Technology-facilitated sexual violence and harassment against adult women. *Australian and New Zealand Journal of Criminology*, 48(1), 105.
- (27) <http://www.bbc.com/news/uk-37278264>.
- (28) EAW (2013). *New Technology: Same Old Problems. Report of a roundtable on social media and violence against women and girls*. Disponibbli fuq: <http://www.endviolenceagainstwomen.org.uk/wp-content/uploads/Report-New-Technology-Same-Old-Problems.pdf>, p. 5.
- (29) Ara n-nota tal-aħħar 11.
- (30) Nobles, M.R., Reyns, B.W., Fox, K.A. and Fisher, B.S. (2014). Protection against pursuit: A conceptual and empirical comparison of cyberstalking and stalking victimization among a national sample. *Justice Quarterly*, 31(6), 53-65.
- (31) Linji gwida tal-Crown Prosecution Service dwar il-prosekuzzjoni tal-offiża tal-iżvelar ta' ritratti u films sesswali privati. Disponibbli fuq:
- (32) Crown Prosecution Service (2016) *Violence against women and girls: Crime report 2015-16*, p. 11. Disponibbli fuq: http://www.cps.gov.uk/publications/docs/cps_vawg_report_2016.pdf

- (³³) <https://www.transatlantic-lawyer.com/2016/09/france-the-new-digital-law-is-adopted/>
- (³⁴) <https://www.theguardian.com/technology/2014/may/22/revenge-porn-victims-boost-german-court-ruling>.
- (³⁵) <https://www.beds.ac.uk/research-ref/irac/nccr>.
- (³⁶) Maple, C., Shart, E., Brown, A. (2011). *Cyberstalking in the United Kingdom: An Analysis of the ECHO Pilot Survey*. L-Università ta' Bedfordshire. Disponibbli fuq: https://www.beds.ac.uk/_data/assets/pdf_file/0003/83109/ECHO_Pilot_Final.pdf.
- (³⁷) Stqarrija għall-Istampa tal-Gvern tar-Renju Unit (2015). Disponibbli fuq: <https://www.gov.uk/government/news/hundreds-of-victims-of-revenge-porn-seek-support-from-helpline>.
- (³⁸) Rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar modi kif jinħoloq pont bejn id-diviżjoni diġitali bejn is-sessi minn perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem — rispons tas-Slovenja. Disponibbli fuq: <http://www.ohchr.org/Documents/Issues/Women/WRGS/GenderDigital/SLOVENIA.docx>.
- (³⁹) https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/cybercrime_en



L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru tal-għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE jappoġġja lil dawk li jfasslu l-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovduhom għarfien speċifiku u *data* komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

©Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2017).
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.



ISBN 978-92-9470-189-3186-2

doi:10.2839/826805589616